# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Ottubru 2020**

**Kawza Numru: 10**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 556/2016 JVC**

**George Whelpdale**

**vs**

**Maria Stella Whelpdale**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti George Whelpdale kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi Alfred Walter Whelpdale, missier ir-rikorrenti, u r-ragel tal-intimata, miet fl-1 t'April 2007 (Kopja tac-Certifikat tal-mewt mehmuza **'Dok. X1'**), u mir-ricerki testamentarji kemm pubblici

(**'Dok. X2'**) u kif ukoll sigrieti (**'Dok. X3'**) jirrizulta li l-eredita` tieghu kellha tigi regolata permezz tat-testment fl-atti tan-Nutar Maronia Fenech tas-7 ta' Lulju 2006 (**'Dok. X4'**), permezz ta' liema testment halla bhala l-unika eredi tieghu lil martu l-intimata Maria Stella Whelpdale;

2. Illi d-dikjarazzjoni '*causa mortis*' ta' Alfred Walter Whelpdale saret mill-istess intimata Maria Stella Whelpdale fl-atti tan-Nutar Maronia Fenech tat-12 ta' Lulju 2007 (**'Dok. X5 u 'Dok. X6'**). F'kull kaz m'hemm ebda dubju li l-intimata accettat l-eredita` ta' zewgha skond il-ligi u b'hekk hija l-unika eredi ta' Alfred Walter Whelpdale;

3. Illi l-esponenti huwa intitolat ghall-porzjon rizervat mill-eredita` ta' missieru, li f'dan il-kaz tammonta ghal wiehed minn sitta (1/6) mill-valur tal-istess eredita` a tenur tal-Artikolu 616 tal-Kodici Civili, peress li d-*decujus* kellu zewgt ulied, ir-rikorrenti u ohtu Eileen Theresa White, u b'hekk jispetta lir-rikorrenti nofs it-terz (1/3) ghal liema huma intitolati iz-zewgt ahwa bejniethom;

4. Illi r-rikorrenti ressaq din il-pretensjoni formalment fil-konfront ta' l-intimata ommu permezz tal-ittra ufficcjali tal-1 ta' Frar 2016 (numru 352/16 kopja mehmuza **'Dok. X7'**), ghal liema ittra l-intimata rrispondiet permezz tal-ittra ufficcjali tad-19 ta' Frar 2016 (numru 708/16 kopja mehmuza **'Dok. X8'**);

5. Illi minkejja diversi tentattivi l-partijiet rispettivi ma lahqux ftehim fuq il-pretensjoni tar-rikorrenti, u fl-24 ta' Mejju 2016 l-istess rikorrenti kien kostrett ukoll jipprocedi permezz tal-mandat t'inibizzjoni numru 784/16/1 JZM fir-rigward tal-unika proprjeta' immobbli tal-intimata, u cioe' d-dar numru 31, Triq Vincenzo

Dimech, Floriana, peress li sar jaf li kienet ser tinbiegh (kopja tal-mandat mehmuza '**Dok. X9'**);

6. Illi mir-risposta tal-intimata ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni pprezentata fl-1 ta' Gunju 2016 (kopja mehmuza **'Dok. X10**') jinghad b'mod car u inekwivoku li l-intimata mhijiex topponi ghall-hlas ta' porzjon rizervat mill-eredita` ta' Alfred Walter Whelpdale spettanti lir-rikorrenti, pero` m'hemmx qbil dwar il-*'quantum';*

7. Illi l-mandat t'inibizzjoni gie milqugh definittivament fil-21 ta' Gunju 2016 (kopja tal-verbal mehmuza **'Dok. X11'**), u b'hekk ir-rikorrenti kien kostrett jipprocedi permezz ta' din il-kawza fiz-zmien stipulat mill-ligi;

8. Illi r-rikorrenti jaf dawn il-fatti personalment u b'hekk qieghed jipprocedi permezz ta' din il-kawza;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

(1) Tiddikjara li r-rikorrenti huwa intitolat ghall-porzjon rizervat mill-eredita' ta' missieru Alfred Walter Whelpdale li miet fl-1 t'April 2007, minghand l-unika eredi ta' missieru, u cioe' l-intimata ommu Maria Stella Whelpdale;

(2) Tillikwida u tikkwantifika l-valur tal-eredita' kollha ta' Alfred Walter Whelpdale, u kwindi sussegwentement tghaddi sabiex tistabbilixxi l-valur tal-porzjon rizervat spettanti lir-rikorrenti mill-intimata skond il-ligi;

(3) Tordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata fit-tieni talba rapprezentanti l-valur tal-porzjon rizervat spettanti lir-rikorrenti mill-eredita' ta' missieru Alfred Walter Whelpdale;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficcjali numru 352/2016 tal-1 ta' Frar 2016, u tal-mandat t'inibizzjoni numru 784/16/1 JZM tal-24 ta' Mejju 2016 milqugh b'mod definittiv fil-21 ta' Gunju 2016; bl-imghaxijiet relattivi skond il-ligi sal-hlas effettiv; kollox kontra l-intimata li minn issa hija ingunta in subizzjoni'.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Maria Stella Whelpdale li eccepiet kif isegwi:

1. 'Illi in linea preliminari, l-esponenti taqbel, kif dejjem qablet, mal-ewwel talba tar-rikorrent u cioe` li r-rikorrent huwa intitolat ghall-porzjon riservat mill-eredita` ta' missieru;

2. Illi konsegwentement l-esponenti taqbel ukoll illi mat-tieni talba u cioe` li jehtieg illi jigi llikwidat u kkwantifikat il-porzjon riservat spettanti lir-rikorrent, purche li jittiehed qies tal-legati mhollija mit-testatur, u b'dana illi jittiehed qies ta' dak li diga` gie mehud. Di piu jinghad illi fil-likwidazzjoni tas-sehem riservat ghandu jinqata' dak kollu li r-rikorrent ha minghand it-testatur b'titolu gratwitu ai termini tal-Artikolu 620(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fit-tielet lok, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fil-likwidazzjoni tas-sehem riservat, din l-Onorabbli Qorti, ghandha tiehu l-valur tal-assi mhollija mid-defunt fid-data tal-ftuh tas-successjoni, b'dana illi ghandhom jitnaqqsu d-djun tal-

assi u l-ispejjez tal-funerali, u dan ai termini tal-Artikolu 620(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fir-raba' lok, l-esponenti topponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni u l-imghaxijiet pretizi mir-rikorrent u dan stante li fl-ewwel lok hija qatt m'oggezzjonat illi thallsu ghas-sehem rizervat, izda kien hu li webbes rasu u pretenda somom ferm ikbar minn dak lilu dovut u fit-tieni lok, l-ebda imghaxijiet m'huma dovuti stante li r-rikorrent qatt ma intavola l-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 615(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri u minghajr pregudizzju ghal kull jedd tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrent li huwa minn issa ingunt in subizzjoni'.

Rat l-affidavits, xiehda, stima, dikjarazzjoni *causa mortis*, emails, statements, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat il-verbal tal-24 ta' Gunju, 2020 fejn il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti:**

Illi l-attur George Whelpdale huwa bin il-konvenuta Maria Stella Whelpdale u permezz ta' din il-kawza qed jitlob li jinghata l-porzjon riservat dovuta lilu mill-wirt ta' missieru Alfred Walter Whelpdale li gie nieqes fl-1 ta' April, 2007 (ara certifikat tal-mewt a fol. 6 tal-process).

Illi da parti taghha l-konvenuta Maria Stella Whelpdale taqbel li l-attur huwa ntitolat ghall-porzjon rizervat mill-eredita' ta' missieru izda teccepixxi li ghandhom jitnaqqsu l-legati mhollija mit-testatur Alfred Walter Whelpdale u ta' dak li diga gie mehud mill-attur minghand it-testatur b'titolu gratwitu ai termini tal-Artikolu 620 (4) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta ssostni wkoll li fil-likwidazzjoni tas-sehem riservat ghandu jittiehed il-valur tal-assi mhollija mid-defunt fid-data tal-ftuh tas-successjoni, u, jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjez funerali u dan ai termini tal-Artikolu 620 (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mir-ricerki testamentarji kemm pubblici, kif ukoll sigrieti,ipprezentati fl-atti a fol. 7 u fol. 8 tal-process, jirrizulta li l-mejjet Alfred Walter Whelpdale rregola l-wirt u successjoni tieghu b'testment tas-7 ta' Lulju, 2006 fl-atti tan-Nutar Maronia Fenech (a fol. 10 *et seq* tal-process).

Bit-testment tas-7 ta' Lulju, 2006 il-mejjet Alfred Walter Whelpdale halla b'titolu ta' legat f'assoluta proprjeta' ghal darba wahda biss favur in-neputijiet tieghu Stephan White, Joanne mart Delso Da Silva, Melanie Ann mart Donald Baldacchino u Stephanie Whelpdale s-somma ta' elfejn u hames mitt lira maltin (Lm2,500) ekwivalenti ghall-hamest elef tmien mija tlieta u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€5,823.43) kull wiehed u wahda

minnhom konsegwibbli biss wara l-mewt tas-superstiti bejnu u bejn martu u nnomina u stitwixxa bhala werrieta universali tieghu lill-martu Maria Stella sive Mary Whelpdale bis-sostituzzjoni ta' uliedu Eileen mart Robert White u George Whelpdale.

Il-konvenuta Maria Stella Whelpdale ghamlet id-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-mejjet zewgha Alfred Walter Whelpdale permezz ta' kuntratt tat-12 ta' Lulju, 2007 fl-atti tan-Nutar Maronia Fenech (ara dikjarazzjoni *causa mortis* a fol. 12 *et seq* tal-process) fejn permezz taghha ddikjarat l-immobbli kollha appartenenti lill-mejjet zewgha.

Sussegwentement il-konvenuta Maria Stella Whelpdale dahlet f'zewg kuntratti ta' donazzjoni rrevokabbli. Wiehed datat 24 ta' Marzu, 2011 fejn permezz tieghu ddonat lil binha George u martu Maria Carmela sive Marika Whelpdale t-terran ossia store, konsistenti f'kamra wahda, bil-kantina tahtu bin-numru hamsa (5) fi Triq Vincenzo Dimech gja maghrufa bhala Brittania Square, Floriana (ara kuntratt a fol. 69 *et seq* tal-process). Permezz tat-tieni kuntratt ta' donazzjoni rrevokabbli datat 19 ta' Lulju, 2011 il-konvenuta Maria Stella Whelpdale ddonat lil bintha Eileen Theresa White u zewgha Robert Corbett White il-hanut konsistenti f'kamra wahda bin-numru wiehed (1) fi Triq Vincenzo Dimech gja Brittania Square, Floriana (ara kuntratt a fol. 76 *et seq* tal-process).

Illi allegatament ir-relazzjoni ta' bejn l-attur u l-konvenuta sfaxxat minn wara l-mewt ta' zewgha Alfred Walter Whelpdale partikolarment minhabba allegati avveniment partikolari relatati ma' flus moghtija mill-konvenuta lill-attur. Il-Qorti izda tirrileva li fl-ambitu ta' din il-kawza hija m'hijiex rikjesta li tidhol fil-mertu tad-dizgwid bejn l-omm u l-iben anki ghaliex m'huwiex il-mertu ta' din il-kawza, madanakollu huwa inkontestat li minn dak iz-

zmien l-attur ma baqax aktar jzur lil ommu l-konvenuta fir-residenza taghha tant li sar jaf minn terzi li ommu ma baqghetx tghix fid-dar taghha u marret tghix go dar privata ghall-anzjani (ara l-kontro-ezami tieghu a fol. 346 et seq). Il-konvenut isostni li meta kienu ser jiskadu l-ghaxar snin mill-mewt ta' missieru huwa inghata l-parir sabiex jistitwixxi l-kawza odjerna ghal porzjoni riservat mill-wirt ta' missieru Alfred Walter Whelpdale u dan sabiex ma jitlifx dan il-jedd.

**Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Alfred Walter Whelpdale u hlas tas-sehem riservat lil George Whelpdale:**

Illi kif sottomess aktar 'il fuq Alfred Walter Whelpdale gie nieqes fl-1 ta' April, 2007 u ghalhekk japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decujus. Illi l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqraw kif isegwi:

> '615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.
>
> (2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-

> notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.
>
> 616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.
>
> (2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.
>
> (3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'

Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decujus Alfred Walter Whelpdale l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta' April, 2004 fejn inghad illi:

> 'Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni. ...
>
> (a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;

(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;

(c) Mal-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni[1].

B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi'.

**<u>Assi ereditarji tad-decujus Alfred Walter Whelpdale:</u>**

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Alfred Walter Whelpdale mad-data tal-mewt tiehu kienu jikkonsistu fis-segwenti:

**<u>Immobbli li jirrizultaw mid-dikjarazzjoni *causa mortis* datata 12 ta' Lulju, 2007 a fol. 12 *et seq* tal-process:</u>**

i. Nofs indiviz tad-dar bin-numru wiehed u tletin (31) bl-isem ta' 'Margaret' fi Triq Vincenzo Dimech, Floriana dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' €93,174.94;

ii. Nofs indiviz mit-terran ossia store konsistenti f'kamra wahda bin-numru hamsa (5), fi Triq Vincenzo Dimech, Floriana dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' €9,317.49;

[1] Wiehed izda ghandu jzomm f'mohhu l-emendi kwotati aktar il-fuq li jvarjaw din il-konkluzjoni tal-Qorti fejn fil-kaz odjern ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-valur ta' meta saret id-donazzjoni.

iii. Nofs indiviz mit-terran, ossia hanut, konsistenti f'kamra wahda, bin-numru wiehed (1) fi Triq Vincenzo Dimech, Floriana dan is-sehem gie stmat ghas-somma ta' €13,976.24.

Illi fir-rigward il-proprjetajiet indikati fil-punti ii. u iii. il-Qorti taghmel referenza ghan-noti ta' sottomissjonijiet taz-zewg partijiet minn fejn jirrizulta li hemm qbil li l-ammont li ghandu jittiehed huwa dak il-valur iddikjarat fil-*causa mortis*. Il-Qorti hi tal-fehma illi, gjaladarba hemm qbil bejn il-partijiet fuq il-valur tal-immobbli li fuqu ghandha tigi kkalkolata l-porzjon riservat hija mhux ser tiddisturba dan il-qbil nonostante l-valur kemmxejn divers moghti lill-istess immobbli fid-donazzjonijiet sussegwenti mill-intimata lill-attur u ohtu. Ghaldaqstant il-valur totali li fuqu sejjer tigi kkalkolata l-porzjon riservat huwa s- segwenti.

<u>Total ta' €116,468.67.</u>

**<u>Investimenti – li jirrizultaw mill-istatementipprezentat mis-Sur Michael Schembri rapprezentant tal-Global Capital Financial Management Ltd fis-seduta tas-17 ta' Mejju, 2019 (esebit a fol. 345 tal-process):</u>**

iv. Nofs indiviz mill-investiment Lloyds HYF - €15,000.50;

v. Nofs indiviz mill-investiment TEPs No 2 - €17,848.92;

vi. Nofs indiviz mill-investiment Aberdeen EHYBF A1 - €35,547.44.

<u>Total ta' €68,396.86</u>

**<u>Flus il-bank – li jirrizultaw mill-istatementsipprezentati minn Joanna Bartolo rapprezentanta tal-Bank Of Valletta plc fis-seduta tal-14 ta' Lulju, 2017 (esebiti a fol. 128 *et seq* tal-process):</u>**

vii. Jirrizulta li fit-28 ta' Marzu, 2007 u fl-4 ta' April, 2007 gew iddepozitati s-somma kumplessiva ta' Lm 5,878.70 tal-munita l-antika ekwivalenti ghal €13,693.69 f'kont bankarju intestat unikament fuq Maria Stella Whelpdale. Ghalkemm it-tieni depozitu gie ddepozitat tlett ijiem wara l-mewt tad-decujus stante li jirrizulta ampjament pruvat fl-atti li l-intimata ma kinitx tahdem ghajr ghall-hanut u li l-introjtu kien jidderiva mill-proprjeta' komuni u li kienet uzanza tal-konjugi li jzommu l-flus id-dar din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-flus depozitati ezatt wara l-mewt kienu wkoll jikkonsistu parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejnha u d-defunt zewgha. Il-Qorti ghalhekk sejra tqis l-ammont ta' €13,693.69 bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn l-intimata u zewgha u tqis nofsu bhala formanti parti mill-eredita fis-somma ta' €6,846.85.

**<u>Flus Kontanti u Deheb:</u>**

Illi l-attur George Whelpdale tul il-process u fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jinsisti li fil-porzjon riservat ghandu wkoll jittiehed kont ta' flus kontanti li kienu jinzammu d-dar u deheb li minnhom id-decujus Alfred Walter Whelpdale kellu sehem ta' nofs indiviz.

Fir-rigward il-flus kontanti l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jaccenna ghall-kontro-ezami ta' ohtu Eileen White u partikolarment fejn hija qalet b'referenza ghal ommha l-konvenuta li *'12,000 l-aktar li kellha.'* (ara deposizzjoni in kontro-ezami a fol.

316 *et seq* tal-process). Di fatti fil-komputazzjoni tal-porzjon riservat l-attur ha l-ammont ta' €6,000 bhala sehem missieru mill-flus kontanti allegatament mizmuma d-dar.

Mix-xiehda in kontro-ezami ta' Eileen White jirrizulta li d-dikjarazzjoni minnha maghmula kienet biss supposizzjoni. Prova sal-grad rikjest mill-ligi dwar kemm flus kontanti mal-mewt tad-decujus kien hemm fid-dar ma ngabitx. Din il-Qorti m'hijiex konvinta li l-attrici kellha flus kontanti d-dar fl-ammont ta' €12,000 anki ghaliex kif irrizulta fil-paragrafu precedenti taht is-sezzjoni 'Flus il-bank', l-attrici f'zewg transazzjonijiet iddepozitat is-somma ta' €5878.70 ftit jiem wara l-mewt.

Fir-rigward tad-deheb, l-attur pprezenta numru ta' ritratti tal-konvenuta f'okkazzjonijiet diversi u fejn kienet libsa deheb (ara ritratti a fol. 295 tal-process). Madanakollu ma tressqet l-ebda prova ta' jekk effettivament dan id-deheb kienx ghadu jezisti fil-mewt tad-decujus u lanqas prova tal-valur ta' dak id-deheb ma tressqet. Wisq anqas ma tressqet ebda prova dwar jekk dan id-deheb kienx proprjeta' parafernali tal-intimata jew formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tqisx li din il-pretensjoni giet sufficjentement pruvata.

**<u>Tnaqqis tal-Legati u ta' donazzjonijiet:</u>**

Illi punt in kontestazzjoni bejn il-partijiet huwa jekk ghandux ikun hemm it-tnaqqis tal-legati mhollija mid-decujus bit-testment tas-7 ta' Lulju, 2006 u d-donazzjoni rrevokabbli moghtija lill-attur permezz tal-kuntratt tal-24 ta' Marzu, 2011 (ara kuntratt a fol. 69 *et seq* tal-process).

Il-konvenuta fit-tieni eccezzjoni taghha eccepiet illi ghandu '… jittiehed qies tal-legati mhollija mit-testatur, u b'dana illi jittiehed qies ta' dak li diga' gie mehud. Di piu` jinghad illi fil-likwidazzjoni tas-sehem riservat ghandu jinqata' dak kollu li r-rikorrent ha minghand it-testatur b'titolu gratwitu ai termini tal-Artikolu 620(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.'

Fit-tielet eccezzjoni l-konvenuta eccepiet ukoll illi '…ghandhom jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjez tal-funerali, u dan ai termini tal-Artikolu 620 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;'. Illi f'dan ir-rigward ghal dawk li huma spejjez relatati mal-funeral il-Qorti rat li fl-atti ma gew ipprezentati l-ebda provi relatata mal-ispejjez tal-funeral u ghaldaqstant ma tistax tghaddi sabiex tnaqqas dawn l-ammonti mill-assi ereditarji tad-decujus.

Illi l-Artikolu 620 sub-artikolu 4 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqra kif isegwi:

> '(4) Dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938'.

Illi ai termini tal-artikolu 620 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jinghad illi s-sehem riservat jigi kalkolat fuq l-assi kollha wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjez tal-funerali. Is-subartikolu 5 jaqra kif isegwi:

> '(5) Il-persuna li jkollha jedd ghas-sehem riservat ghandha tiehu akkont tas-sehem taghha kull beni mhollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja ghal ebda dispożizzjoni testamentarja favur taghha u titlob is-sehem riżervat, sakemm dik id-dispożizzjoni testamentarja ma ssirx

> f'użufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' uzu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta ghal zmien limitat.'

Illi fir-rigward il-legati mhollija mid-decujus Alfred Walter Whelpdale bit-testment tas-7 ta' Lulju, 2007 moghtija lin-neputijiet Stephan White, Joanne mart Delso Da Silva, Melanie Ann mart Donald Baldacchino u Stephanie Whelpdale fl-ammont totali ta' ghaxart elef lira tal-munita l-antika (Lm10,000) ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf mitejn tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73), jinghad li dawn evidenement jikkwalifikaw bhala dejn tal-eredita u bhala tali ghandhom jitnaqqsu mill-valur tal-eredita' ghall-fini tal-komputazzjoni tas-sehem tar-rikorrenti.

Illi fir-rigward id-donazzjoni rrevokabbli moghtija bil-kuntratt tal-24 ta' Marzu, 2011 (a fol. 69 *et seq* tal-process) din il-Qorti tosserva li l-Artikolu 620 sub-artikolu 2 jitkellem car dwar dak li ghandu jittiehed kont billi jispecifika illi '*…dak kollu li jkun* ***ħa mingħand it-testatur*** *u li jkun suġġett għall-kollazzjoni….*'. (enfazi tal-Qorti)

Fil-kaz in ezami, t-terran ossia store, konsistenti f'kamra wahda, bil-kantina tahtu u li ghandu n-numru ufficjali hamsa (5) u li jinsab fi Triq Vincenzo Dimech, Floriana nghata b'titolu gratuwitu unikament mill-konvenuta Maria Stella Whelpdale u mhux mit-testatur Alfred Walter Whelpdale u dan sahansitra diversi snin wara l-mewt ta' Alfred Whelpdale. A kuntrarju mal-mewt ta' Alfred Walter Whelpdale t-terran ossia store ghadda f'idejn l-konvenuta Maria Stella Whelpdale bhala werrieta universali ta' Alfred Walter Whelpdale u kienet biss la darba gie fuq isimha li hija tat il-fond b'titolu ta' donazzjoni rrevokabbli. Il-Qorti rat ukoll li fil-kuntratt tad-donazzjoni in kwistjoni mkien ma tnizzlet xi kwalifika li d-donazzjoni kienet qed issir mill-intimata bhala hlas,

almenu in parte, tal-legittima dovuta lill-attur. Maghmula dawn l-osservazzjonijiet l-Qorti tqis li l-valur tal-fond moghti b'titolu ta' donazzjoni rrevokabbli ma jistax legalment jigi mnaqqas mill-valur tal-eredita' ghall-fini ta' komputazzjoni tas-sehem riservat tar-rikorrenti.

Illi l-Qorti tqis li l-istess argument japplika ghas-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) mghoddija mill-intimata lill-attur permezz ta' cekk liema ammont ir-rikorrent ma jikkontestax li rcieva. Dan qed jinghad stante li ma tressqet l-ebda prova fl-atti li dan l-ammont thallas mill-intimata lill-attur bhala hlas almenu in parte tal-legittima dovuta lilu. Tant hu hekk li l-attur jikkontesta li dan inghata lilu bhala tali u jsostni li dawn thallsu lilu mill-intimata ghal spejjez li ghamel fil-fond li finalment gie trasferit lilu permezz ta' donazzjoni. L-istess jinghad ghall-allegazzjoni li taghmel l-intimata li hija tat sebat elef Euro (€7,000) lill-attur fi flus kontanti. Il-Qorti tqis li din l-allegazzjoni ma giet sufficjentement pruvata mill-intimata filwaqt li hija kontestata mill-attur li jsostni li huwa rrifjuta li jiehu l-kontanti u kien ghalhekk li nhareg ic-cekk.

**Kalkolazzjoni u Hlas tal-Legittima:**

1. Immobbli - €116,468.67 +
2. Investimenti - €68,396.86
3. Flus il-Bank - €6,846.85

**Total - €191,712.38**

Valur Totali - €191,712.38 –
Legati - €23,293.73
**€168,418.65**

**Sehem ir-rikorrenti bhala porzjon riservat (1/6) - €28,069.78**

**Imghax:**

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet b'referenza ghall-imghaxijiet legali l-konvenuta rrilevat li l-attur ma pprezentax ittra ufficjali fil-konfront ta' ommu l-intimata fi zmien sentejn mill-mewt ta' missieru u ghalhekk m'ghandhomx jiddekorru imghax fuq il-hlas spettanti lill-attur.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-konvenuta. Ghalkemm mill-atti jirrizulta li huwa minnu li l-attur ma talabx permezz ta' att gudizzjarju l-hlas tal-porzjon riservat fi zmien sentejn mill-mewt ta' missieru gie pruvat fl-atti li dan fil-fatt ghamlu aktar wara. L-Artikolu 615 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabbilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili.

Hekk jaqra s-sub-artikolu 2:

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta'

imgħax litista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'

Jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Dr Alexia Aquilina - rapprezentanta tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali (a fol. 297 tal-process) li l-attur George Whelpdale ma' ohrajn ipprezenta ittra ufficjali datata 1 ta' Frar, 2016 mibghuta lill-konvenuta Maria Stella Whelpdale (notifikata fit-8 ta' Frar, 2016) sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tas-sehem riservat u tal-legati, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet (ara ittra ufficjali u notifika a fol. 298 (g) tal-process).

Illi l-kaz odjern gie pprezentat fil-11 ta' Lulju, 2016 u evidentement il-kaz odjern ma kienx wiehed li ha tul biex wasal ghad-decizjoni meta wiehed jikkjunsidra l-provi voluminuzi li l-partijiet ghazlu li jressqu fl-atti. Entrambi l-partijiet resqu l-provi taghhom regolarment minghajr hafna hela ta' seduti. Ghalhekk, din il-Qorti wara li kkunsidrat il-fatti u c-cirkostanzi u wkoll il-fatt li li l-kaz gie istitwit biss hames (5) xhur wara li giet mibghuta l-ittra ufficjali ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon riservat tqis li l-attur ghandu l-jedd ghall-imghax legali fuq il-kreditu tieghu likwidat aktar il-fuq mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali cioe' t-8 ta' Frar, 2016.

**<u>Spejjez :</u>**

Illi l-intimata ssostni li hija ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri kemm ghaliex issostni li t-talba kienet intempestiva u wkoll ghaliex il-pretensjonijiet tar-rikorrenti anki kif jidher mill-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront taghha jesorbitaw ferm dak li hija kkalkolat bhala dovut lilu fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha liema ammont iqarreb ferm dak deciz minn din il-Qorti. Din il-Qorti ma taqbilx li l-kawza odjerna saret b'mod intempestiv stante

li saret aktar minn disa' snin wara l-mewt ta' Alfred Whelpdale u li kieku r-rikorrent halla ftit xhur ohra jghaddu kien jitlef il-jedd tieghu fil-ligi ghall-hlas tal-legittima. Illi dwar il-pretensjoni tieghu fil-mandat ta' inibizzjoni jirrizulta li dan prima facie gie milqugh a bazi ta' valutazzjonijiet tal-proprjeta' fil-mument li gie ntavolat il-mandat u mhux fis-sena tal-mewt tad-decujus. Verament f'dak il-mument il-legali tar-rikorrent seta' ha kont ta' dak il-fattur izda f'ambitu ta' mandat ta' inibizzjoni l-Qorti tifhem li r-rikorrent jkun irid jikkawtela l-massimu possibbli. Il-Qorti rat ukoll izda li da parti taghha l-intimata kienet qed tippretendi li jitnaqqsu mill-kalkolu tal-legittima certu ammonti u donazzjoni li assolutament ma kienx hemm qbil maghhom mir-rikorrent u li fil-fatt ir-rikorrent inghata ragun dwarhom fid-decizjoni odjerna. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis li l-ispejjez ghandhom jigu kollha sopportati mill-intimata.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-atturi kif isegwi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent George Whelpdale huwa intitolat ghall-porzjon rizervat mill-eredita' ta' missieru Alfred Walter Whelpdale li miet fl-1 ta' April, 2007 minghand l-unika eredi ta' missieru, u cioe' l-intimata ommu Maria Stella Whelpdale;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tikkwantifika l-valur tal-eredita' ta' Alfred Walter Whelpdale fl-ammont ta' mija u tmienja u sittin elf, erba' mija u tmintax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€168,418.65) u tillikwida l-porzjon riservat spettanti lir-rikorrenti skont dak li jirrizulta mill-komputazzjonijiet maghmula aktar il' fuq f'din id-

decizjoni fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, disa' u sittin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€28,069.78);

(3) Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimata thallas lir-rikorrent s-somma hekk likwidata ta' tmienja u ghoxrin elf, disa' u sittin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€28,069.78) rapprezentanti l-valur tal-porzjon rizervat spettanti lir-rikorrent mill-eredita' ta' missieru Alfred Walter Whelpdale.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali numru 352/2016 tal-1 ta' Frar, 2016 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 784/16/1 JZM tal-24 ta' Mejju, 2016 milqugh b'mod definittiv fil-21 ta' Gunju, 2016 u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi mid-data tat-8 ta' Frar, 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**22 ta' Ottubru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Ottubru, 2020**